*19 ta' Ottubru, 1961*

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Orlando Debono

*versus*

Antonio Attard pr. et. ne.

**Sentenza — Korrezzjoni ta' Żball — Art. 828 tal-Kap. 15.**

*Ir-rimedju dettat mil-Liġi tal-Proċedura Ċivili għar-rigward tal-korrezzjoni, fuq rikors fi żmien xahar mill-jum tas-sentenza, ta' żbalji fil-kliem użat f'dik is-sentenza u dbiddil ta' espressjonijiet mhux ċari, jew li jistgħu jifthemu xort'oħra minn dak li b'mod ċar riedet tgħid il-Qorti, ma jħassarx li dawk il-korrezzjonijiet jistgħu jiġu mitluba bil-proċedura ordinarja taċ-ċitazzjoni, meta s-sentenza li tkun inkorporat l-iżball tkun għaddiet f'ġudikat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu kien ippreżenta att ta' ċitazzjoni qud-

diem din il-Qorti (numru 512/56) fl-ismijiet "Orlando Debono vs. George Attard proprio et nomine"; u illi fil-mori ta' dik il-kawża l-konvenut odjern, li kien irċieva dak l-att ta' ċitazzjoni u ta' l-eċċezzjonijiet opportuni, wara ssolleva wkoll il-punt li ismu f'dik il-kawża kien erroneu, għaliex ismu kien "Antonio", u mhux "George", u għalhekk l-attur talab li l-isem tal-istess konvenut jinbidel minn "George Attard" għal "Antonio Attard", għal liema talba l-konvenut ma għamelx oppożizzjoni, u kwindi l-Qorti, kif jirriżulta mill-verbal tat-28 ta' Marzu 1957, awtorizzat il-korrezzjoni; u illi fis-sentenza li ġiet mogħtija f'dik il-kawża fl-20 ta' Mejju 1960, l-isem tal-konvenut ġie erroneament indikat bħal ma kien oriġinarjament, jiġifieri "George Attard", u dan għaliex bi żvista ma ttieħedx in konsiderazzjoni l-verbal fuq riferit tat-28 ta' Marzu 1957; u illi l-istess korrezzjoni awtorizzata ma saretx fl-atti kollha tal-kawża, stante li meta sar l-imsemmi verbal il-proċess relattiv kien għand il-perit li kien ġie nominat; u illi dik is-sentenza kif mogħtija u reġistrata, mhix operattiva favur l-attur; u illi minn dak l-iżball materjali, banali u nvolontarju, li bl-ebda mod ma jippreġudika l-ġustizzja sostanzjali voluta u mirata minn liġi, qiegħed japprofitta ruħu l-konvenut, billi s-sentenza tal-20 ta' Mejju 1960 fuq indikata hija kontra tiegħu, u qiegħed inoltre jirrifjuta li jottempera għad-dispost ta' dik is-sentenza;

Talab illi tiġi ordnata l-korrezzjoni tal-fuq imsemmija sentenza tal-20 ta' Mejju 1960, fil-kawża "Orlando Debono vs. George Attard pr. et. ne.", fis-sens illi l-isem tal-konvenut "George" jiġi korrett billi jiġi sostitwit bl-isem "Antonio", kemm fl-istess sentenza kif ukoll fl-attijiet kollha tal-proċess relattiv għall-kawża f'kull fejn jirrikorri dak l-iżball; kif ukoll tordna l-korrezzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istess sentenza fl-istess sens, jiġifieri li l-isem tal-konvenut jiġi korrett billi ma jibqgħax "George", imma jiġi sostitwit bl-isem "Antonio", li hu l-veru isem tal-konvenut; u dan sabiex il-fuq indikata sentenza tal-20 ta' Mejju 1960 tkun operattiva a favur tal-attur kontra l-konvenut proprio et nomine, għall-finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi, u b'hekk tkun tista' jkollha effett legali. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju tas-7 ta' Ottubru 1960.

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li pprećedew u taw lok għal din il-kawża qegħdin sewwa esposti fil-fuq imsemmi att taċ-ċitazzjoni. Fl-att taċ-ċitazzjoni li bih ġie promoss il-ġudizzju fuq riferit, definit bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Mejju 1960, kien hemm żball fl-isem tal-konvenut — il-konvenut fil-kawża odjerna — billi ġie miktub l-isem "George" minflok l-isem "Antonio". Il-konvenut — il-veru konvenut — ippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu taħt l-isem żbaljat ta' "George", allavolja ismu hu "Antonio", mingħajr ma ġibed l-attenzjoni ta' ħadd li kien hemm żball f'ismu. Il-Qorti ordnat perizja, għaliex dehrilha li hekk kien hemm bżonn li jsir minħabba x-xorta tal-kawża. Wara li kien sar aċċess għall-postijiet (il-kawża kienet fuq il-lavorazzjoni ta' madum f'lokijiet l-Imsida), u saru żewġ seduti quddiem il-perit, ġie rilevat illi l-isem tal-konvenut kien ġie erroneament indikat bħala "George", għaliex ismu kien "Antonio". Allura l-attur, kif jirriżulta mill-verbal in data 28 ta' Marzu 1957, talab li l-Qorti tordna li dak l-isem jiġi korrett billi jiġi mibdul fl-isem "Antonio". Il-konvenut iddikjara li ma jagħmelx oppożizzjoni għat-talba, u l-Qorti ordnat li ssir il-korrezzjoni mitluba. Ġara, però, illi min kellu jagħmel l-annotazzjoni ta' dik il-korrezzjoni fl-attijiet tal-kawża, bi żvista, evidentement, peress li allura l-inkartament kien qiegħed għand il-perit, ma għamilhiex. Baqa' kwindi jidher l-iżball, non ostante li kien ġie korrett bl-ordni tal-Qorti; u kwindi l-istess żball ġie jidher ukoll fis-sentenza;

Illi, kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Prim' Awla) tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Schembri et. vs. Grixti et." fis-27 ta' Mejju 1959, konfermata b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru 1959, ir-rimedju kontemplat fl-art. 828 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jikkontempla l-korrezzjoni fuq rikors fi żmien xahar mill-jum tas-sentenza, ta' żbalji fil-kliem użat f'dik is-sentenza u dbiddil ta' espressjonijiet mhux ċari, jew li jistgħu jifthemu xort'oħra minn dak li b'mod ċar riedet li tgħid il-Qorti, ma jħassarx li

dawk il-korrezzjonijiet jistgħu jiġu mitluba bil-proċedura ordinarja, bħal dik segwita mill-attur, f'din il-kawża, meta l-istess sentenza li tkun inkorporat l-iżball tkun għaddiet "in giudicato";

Illi fil-każ preżenti, kif jidher b'mod ċar minn dak li aktar il-fuq ġie riferit, ġara appuntu dan; jiġifieri li s-sentenza nkorporat l-iżball li sar meta u billi ma saretx minn min kien suppost li jagħmilha l-annotazzjoni fl-att taċ-ċitazzjoni u fl-attijiet tal-kawża li kien hemm sa allura tal-korrezzjoni li kienet ġiet ordnata mill-Qorti, u li kwindi kienet saret, u li għalhekk lanqas proprijament ma hemm bżonn li terġa tintalab in rigward tal-attijiet tal-kawża qabel ir-reġistrazzjoni tas-sentenza — żball materjali, involontarju u banali evidenti, għaliex konsistenti biss, kif ġa ngħad fin-nuqqas tal-annotazzjoni tal-korrezzjoni ta' żball li kienet ġiet mill-Qorti ordnata bl-adeżjoni tal-konvenut, żball involontarju u banali li kien ġie kommess mill-attur fil-kitba tal-isem tal-istess konvenut;

Illi s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-11 ta' April 1958 fil-kawża "Grixti vs. Schembri" ma tiswiex biex issostni l-pretensjoni tal-konvenut kuntrarja għat-talba tal-attur; u dan għaliex, għalkemm hu veru li f'dik is-sentenza jinqraw il-kliem riportati mill-konvenut fin-nota tiegħu, fis-sens li l-Qorti ma tista' tagħmel xejn biex tneħħi l-iżball (meta s-sentenza tkun ġiet reġistrata bih), u ma tistgħax ħlief ineżorabbilment tħares lejn is-sentenza kif tinsab reġistrata, bl-iżball b'kollox iżda dak il-kliem l-imsemmija Onorabbli Qorti qalitu f'kontest wisq differenti, billi qalitu riferibbilment għall-proċedura li kellha quddiemha; jiġifieri qalet espressament li ma setgħet tagħmel xejn, u ma setgħetx ħlief tħares ineżorabbilment għas-sentenza kif kienet ġiet reġistrata "fil-proċeduri li kellha quddiemha", li ma kienux, kif huma dawk odjerni, għall-korrezzjoni ta' żball. Dawk il-proċeduri infatti, kienu kawża kontenenti t-talba għar-restituzzjoni ta' motor boat, u in difett għall-kundanna għall-ħlas tal-valur tagħha, u kontra dik it-talba ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-ġudikat, li ġiet respinta għar-raġunijiet li s-sentenza l-oħra minħabba żball f'kunjom fl-atti tal-kawża. inkorporat fis-sentenza, ma setgħetx tiġi kunsidrata li tis-

wa biex tagħti lok għall-eċċezzjoni tar-"res judicata". F'dik il-kawża ma kienx hemm talba għall-korrezzjoni tal-iżball, u kwindi, u naturalment, il-Qorti ma setgħet tagħmel xejn f'dik il-kawża biex tneħħi l-iżball; kellha bilfors tħares ineżorabbilment lejn is-sentenza preċedenti kif kienet tinsab reġistrata, biex tiġġudika jekk kienetx jew ma kienetx tikkostitwixxi ġudikat;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza. L-ispejjeż, iżda, jibqgħu bla taxxa, u d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-kontendenti nofs kull wieħed.